MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta ta' l-4 ta' Novembru, 2005

Numru. 998/2004

PULIZIJA
SPETTUR VICTOR AQUILINA
VS
ETIENNE MICALLEF
DAVID GAUCI

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Etienne Micallef, ta' 29 sena, bin Anthony u Paulina nee' Bezzina, imwieled B'Kara nhar it-23 ta' Frar 1975 u residenti Nru 11, Triq Ghar il-Gobon, B'Kara, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 123575(M), kif ukoll lil David Joseph Gauci, ta' 17 sena, bin Paul u Maria nee' Abela, imwieled Pieta' nhar l-20 t'Awissu 1987 u residenti Nru 7, Triq Antonio Galea, B'Kara, u detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 382487(M), u akkuzati talli fis-16 ta' Novembru 2004, u fix-xahrejn ta' qabel, f'dawn il-gzejjer u cioe' minn gewwa residenza Nrru 112, Triq il-Wied tal-Imsida,

B'Kara, b'diversi atti maghmulin b'rizoluzzjoni wahda u f'hinijiet differenti, ikkommettew serq t'ghamara ghad-detriment ta' Mary Arrigo, liema serq jeccedi l-hames mitt lira Maltin (Lm500) izda ma jeccedix l-elf lira Maltin (Lm1000), liema serq hu kwalifikat bil-mezz, bil-valur u bil-lok.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Semghet l-ammissjoni tal-imputati.

Rat il-'pre-sentencing report' dokument MS fil-konfront tal-minuri David Gauci.

Ikkunsidrat:-

Fuq l-istess ammisssjoni taghhom, il-Qorti ssib lill-imputati hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikli 261, 263, 264, 267, 269, 37 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Artiklu 7(1)(5)(a)(b)(d) tal-Kap 446, tqieghed lill-minuri David Gauci taht 'probation order' ghal tlett snin, taht is-sorveljanza ta' 'probation officer' li ghandu jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services. Ghar-rigward tal-imputat Etienne Micallef, tqieghdu taht 'probation order' ghal tliet snin taht is-sorveljanza ta' 'probation officer' li ghandu jigi nominat mid-Direttur tal-Probation Services, u in oltre tqieghdu taht 'treatment order' bil-kundizzjoni li l-imputat Etienne Micallef ikompli l-program li huwa diga' beda mas-Sedqa, program ta' rijabilitazzjoni kontra d-droga, u dan sal-finalita' tieghu u cioe' nkluz il-perjodu tar-'re-entry'.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------